MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2009

Numru. 249/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Colin Vassallo**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Colin Vassallo ta’ 26 sena mwieled il-Pieta’ fit-28 ta’ Marzu 1976 iben Sebastian u Mary nee Birg residenti Providence Triq Lorenzo Gafa’ Siġġiewi detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 222676 (M)

(a) Akkużat talli f’dwn il-Gżejjer fit-3 t’April 1999 u matul il-ġranet ta’ qabel din id-data kkoltiva l-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(ċ) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(b) U aktar talli fit-3 t’April 1999 u t-tliet xhur ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u jwew kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta’ Mejju 1999, ċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 2226 tal-1976, il-fedina penali tal-imputat, il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr Antonio Micallef Trigona, r-rapport imħejji mill-Probation Services, id-dikjarazzjoni magħmula a fol 31 li x-xhieda mismugħa mill-Qorti kif kienet diversament preseduta ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jinstemgħu, id-digriet mogħti a fol 37-38, u d-dokument a fol 41.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Skond l-Ispettur Norbert Ciappara, waqt road block instab roach li kien fil-karozza tal-imputat COL-283. Waqt tfittxija fid-dar fejn kien jogħod l-impujtat nstabu xi pjanati tal-cannabis. Dawn kienu fil-kamra ta’ ħuh Trevor. (fol.8).

L-imputat għall-ewwel kien qal lill-uffiċjal li l-pjanti kienu tiegħu (fol9) iżda imbagħad beda jistaqsi x’piena (x’jista’ jeħel? Fol.10) kienu jġorru. L-Ispettur infurmah li ma setax jinfurmah dwar dan iżda reid ikun jaf x’inhi l-verita’.

Allura wara li għal xi ħin li kien qed jgħid li huma tiegħu, imbagħad beda jgħid li huma ta' ħuh.

Wara l-Ispettur kien kellem lil Trevor, ħu l-imputat li kien innega kollox.

Reġa' kellem lill-imputat li nnega li l-pjanti kienu tiegħu.

L-Istqarrijiet tal-imputat

L-imputat kien stqarr li r-roach li kienhemm fil-karozza kien tiegħu. (fol 12) Huwa kien ilu juża r-raża tal-cannabis minn meta kellu erbatax-il sena. Ġieli kien juża l-grass u ġieli kien juża r-raża skond x'kien isib.

Huwa ċaħad li l-pjanti kienu tiegħu. Dak iż-żmien ħu l-imputat,Trevor, kien l-isptar wara inċident tat-traffiku. Kien ħareġ u reġa' daħal. Huwa kien għarraf lill-Pulizija bihom għax kien jaf li sejrin imorru l-Pulizija u kienu jsibuhom żgur. L-ewwel darba li sar jaf b'dawn il-pjanti kien xi xahar ilu meta rahom fil-kamra ta' ħuh xi xahar qabel u kien rahom f'ħoġor it-tieqa tal-kamra ta' ħuh. Huwa kien għaraf x'kienu. Lil ħuh qatt ma kien kellmu dwar dawn il-pjanti.

Fis-17 ta' Mejju 1999 l-imputat għamel stqarrija fejn innega li l-pjanti kienu tiegħu.

Xehed ukoll PS 201 Sandro Magro li qal li l-imputat stess, meta kienu għadhom il-Kwartieri tal-Pulizija, kien għarrfu li kienu ser **isibulu** xi pjanti tal-cannabis. (Ara fol 17). Huwa stess qabad u ta l-affarijiet. Kellu erba' pjanti fil-kamra ta' ħuh. Kienu ħdejn xulxin ġo loġġa tat-tieqa.

A fol 18 insibu dan il-kliem:

'Xhud: Kien tahomlna l-imputat stess.

Qorti: X'jiġifieri tahmkom l-imputat stess?

Xhud: Għax kien qalli bihom aktar qabel, li d-dar tiegħu, biex niftehmu ħa nsibu dawn l-oġġetti.

Qorti: Il-pjanti.'  (Fol.18)

A fol 19

'Pros: Tiftakar jekk l-imputat qallekx ta' min kienu l-pjanti?

Xhud: Jien meta kont kellimtu l-ewwl darba, anke qabel kellna mmorru nagħmlu t-tfittxija, kien qalilna li l-pjanti huma tiegħu, tal-imputat.'

A fol 20:

'Il-Qorti: Tista' tgħidli mbagħad kif ġie dak id-diskors tal-pjanti.  X'qalilkom hu?'

Xhud: Kien qalli jekk ħa tagħmluli tfittxija d-dar, kien qalli s-suġġett li ħa nsibu, qed tifhem, qalli għandi l-pjanti, għalih imam qalli.

Qorti: X'inu?

Xhud: Il-pjanti qalli li huma tiegħu, pero' kienu fil-kamra ta' ħuh biex niftehmu.
Qalli ħa tiġu d-dar u ħa ssibu dawk l-affarijiet, qed tifhem.'

A fol 20.

'Dif: Hu qalilkom 'ħa tiġu d-dar u ħa ssibu dawk l-affarijiet.' Dak li qalilkom.

Xhud: Dak li qalilna.

Qorti: Imma issa inti għidt, biex inkunu ċari, int għidt li hu qalilkom li dawk kienu għalih.

Xhud: Iva tiegħu.’

A fol.20

‘Dif: Hu mhux hekk qalilkom. Ara ngħidx sew. Hu ‘qalilkom ‘jekk tiġu d-dar tagħmlu tfittxija, intom ħa ssibu dawn il-pjanti.’

Xhud.Le

Dif: Dan li qalilkom ‘ħa ssibu dawn il-pjanti’.

Xhud: Il-pjanti iva, ftit qabel hekk semmejt. Forsi ftehimt ħażin. Il-pjanti kien qalli li huma tiegħu u ħa ssibuhomli d-dar. Pero’ ma kinux fil-kamra tiegħu, kienu fil-kamra ta’ ħuh.’

Dif: Ara ngħidx sew li hu qalilkom ‘jekk tiġu d-dar tagħmlu tfittxija ħa ssibu dawn il-pjanti u dawn qegħdin fil-kamra ta’ ħija.’

Xhud: Iva, imma l-pjanti tiegħu qal. Mhux ta’ ħuh.

Dif: Ma qagħadx jgħidilkom tiegħi, ta’ ħija. Qalilkom ‘jekk ħa tiġu d-dar tagħmluli search, ħa ssibu dawn il-pjanti. U dawn huma filp-kamra ta’ ħija.’ Dan li qalilkom.

Xhud: Le, le, kien qalli li huma tiegħu l-pjanti.’ (fol.2)

**Xhieda forensika.**

L-Ispiżjar Mario Mifsud kkonferma r-relazzjoni tiegħu u xehed li kien hemm erba’ pjanti b’dan il-piż: 14.5, 0.043, 0.036 u 0.62 (fol 20 tar-relazzjoni) Il-piż totali kien ta’ 14.641 grammi. Il-pjanti kienu dawk tal-cannabis. (fol 21)

Waħda mill-pjanti kienet ta’ 35cm. L-oħrajn keinu 9, 9.5 u 11 ċentimetri l-waħda. Kienu jidhru f’kundizzjoni tajba.

Xehdu wkoll Lance Bombardier Joseph Vella u Gunner Antoine Mifsud li kienu għamlu t-tfittxija waqt ir-road block. Huma kienu sabu l-joint ġo cigarette pocket. L-imputat kien ammetta li kien tiegħu.

Xehdet ukoll Dr.Julie Galea li kkonfermat li Trevor Vassalo kien l-isptar bejn is-7 u l-14 ta’ Marzu 1999 u s-26 ta’ Marzu 1999 u l-24 t’April 1999. Huwa kien id-dar bejn is-17 t’April u d-19 t’April 1999.

PS 210 Sandro Magro ikkonferma x’kienu l-oġġetti li kienu għaddew lilu fosthom il-biċċa joint tal-cannabis.

Il-Perit Richard Aquilina kkonferma l-pjanta magħmula minnu. ( 8 t’April 2005)

L-imputat ma deherx għal diversi drabi.

**Xhieda Difiża.**

Imbagħad ta l-verżjoni teigħu fl-14 ta’ Lulju 2008. Huwa qal li fid-dar kulħadd kellu l-kamra tiegħu. Huwa qal li

meta twaqqaf huwa u sejjer iċ-Ċirkewwa hua kellu joint. Huwa kien qal lill-Pulziija li kien ra xi pjanti d-dar u qal bihom lill-Pulizija. Dawn kienu fil-kamra ta' ħuh. Huwa kien għarafhom għax kien ra l-magazines. Ilum m'għandux x'jaqsam mad-droga u jmexxi bar. Huw akkonferam l-istqarrijiet li kien għamel.

Meta fil-kontro-eżami kien infakkar li huwa kien qal li l-pjanti kienu tiegħu, huwa wieġeb li kein qed jibża' dak il-ħin. Huwa ftakar li kien staqsa dwar il-pieni li kineu jġorru magħhom. Huwa qal li ħuh kien ilu l-isptar meta kienu marru l-Pulizija.

Il-Probation Officer xehdet li llum is-sitwazzjoni tal-imputat hija stabbli u għandu ħanut tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-qofol ta' dan il-proċess huwa jekk il-pjanti kinux tal-imputat jew le. Il-Qorti għandha quddiemha żewġ xhieda – l-Ispettur Norbert Ciappara kif ukoll PS Sandro Magro li xehdu li l-imputat qalilhom li l-pjanti kienu tiegħu.

Fil-każ ta' PS 201 Sandro Magro, dan jirrepeti li l-imputat qal li kienu tiegħu għaxar darbiet. Dan xehdu wkoll taħt pressjoni minn diversi mistoqsijiet repetuti id-difiża li ppruvat tislet minn għand dan ix-xhud kliem differenti. Madankollu x-xhud baqa' jirrepeti l-istess kemm meta staqsiet id-difiża kif ukoll mketa staqsiet il-Qorti (Ara l-bran kkwotat hawn fuq kif ukoll il-paġni 17 sa 21.

Dak li qal l-imputat direttament lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni huwa xhieda ammissblli u bl-ebda mod m'hu hearsay għaliex huwa l-imputat nnifsu li qed jitkellem direttament.

Il-fatt li dan il-kliem ma ntqalx fl-istqarrija ma jfisser assolutament xejn. Mhux l-istqarrija tal-imputat biss hija ammissibbli bħala prova. Dak li jgħid, jekk konfermat bil-ġurament huwa wkoll parti mill-provi.

Bir-rispett kollu ma temminx lill-imputat meta jgħid li hu kien qed jibża’ jew li ma jiftakarx li qal hekk.

Il-Qorti qieset ukoll li l-pjanti kienu fil-kamra ta’ ħu l-imputat. Għal darb’orħa bir-rispett kollu ma jfissirx li għax ikun oġġett fil-kamra ta’ ħuk allura dan mhux tiegħek Dan jgħodd aktar u aktar jekk il-kamra tkun għal xi raġuni aħjar biex jitkabbru l-pjanti.

Barra minn dan il-pjanti nstabu f’kundizzjoni tajba u bil-kobor indikat mill-espert forensiku. U dan kien meta ħu l-imputat kien assenti mid-dar minħabba li kien rikoverat l-isptar.

Fl-aħħarnett kien l-imputat stess li mhux biss għarraf lill-Pulizija meta kienu għadhom fil-kwartieri tal-Pulizija li hu kellu l-pjanti d-dar u kien hu li tahomlhom.

Żgur li dak li xehed l-imputat minn fuq il-pedana tax-xhieda ma għenx it-teżi tiegħu.

Il-Qorti qieset sew ix-xhieda taż-żewġ xhieda tal-Prosekuzzjoni u m’għandha ebda raġuni għala għandha tiddubithom. Għalhekk qed tiddeċiedi li l-pjanti keinu tal-imputat u ta’ ħadd aktar.

**Il-Koltivazzjoni**

Skond il-ġurisprudenza tagħna (ara deċiżjoni tat-3 ta’ Ġunju 1987 fl-ismijiet ‘Ir-Repubblika ta’ Malta versus Loreto Attard’), bl-espressjoni ‘jikkultiva l-pjanta cannabis ‘ fil-Kap 101 il-leġislatur ried jinkljudi kull każ ta’ tkabbir ta’ din il-pjanta u mhux kultivazzjoni li ssir fl-għelieqi.’ Fil-fatt

l-appellant f'dan il-każ kien qal hekk: 'it-tfigħ taż-żerriegħa fil-ħamrija bir-riżultat li dik iż-żerriegħa tinbet u tikber waħedha mhux kultivazzjoni għall-fini ta' l-akkuża miġjuba kontra l-imputat.' Iżda l-Qorti ta' l-Appell ma qablitx. Fil-fatt qalet hekk:

***'Illi l-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix definizzjoni ta' x'jammonta għall-kultivazzjoni tal-cannabis;***

***Illi propjament il-kunċett ta' kultivazzjoni hu aktar allaċċjat ma' l-art milli ma' ħaġ'oħra, infatti s-soltu wieħed normalment jikkultiva l-art. Il-leġislatur tagħna pero' bl-iktar mod ċar uża l-kliem 'jikkultiva l-pjanta cannabis' u għalhekk isegwi li wieħed jista' jikkultiva l-cannabis kemm fl-għelieqi kif ukoll fi qsari u kontenituri oħra u l-enfasi qiegħed fil-kultivazzjoni tagħha. Fil-fatt il-proċess ta' kultivazzjoni jibda mill-preparazzjoni ta' l-art sa ma jilħaq il-prodott pero' dan ma jfissirx, per eżempju, li persuna ma tkunx qed tikkultiva pjanta jekk ma tkunx żrat hi stess iż-żerriegħa jew ippreparat l-art jew jekk l-art kienet ġa' tajba u ma kienx jeħtiġilha preparazzjoni jew attenzjoni. Infatti persuna tista' tixtri pjanta jew takkwista waħda appena mnibbta u tkabbarha u b'daqshekk ma jistax jingħad li ma tkunx tikkultivaha.'***

F'każ aktar reċenti, jiġifieri dak deċiż fit-3 ta' Diċembru 2001, Appell Numru 170/2001 VDG fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Anthony Camilleri' il-Qorti qalet hekk:

'Malli l-appellant żera' mqar żerriegħa waħda ġerminabbli fil-qasrija tal-ġiżimina u beda jsaqqiha u din iż-żerriegħa

waħda nibtet (anke jekk fil-wiċċ tal-ħamrija ma kien jidher xejn) kien hemm ir-reat ikkonsmat ta' koltivazzjoni, u għalhekk wieħed ma jistax jitkellem aktar dwar tentattiv ta' koltivazzjoni…..Inoltre is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 22 tal-Kap 101 jipparifika għall-finijiet ta' piena t-tentattiv ta' kull reat taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi mar-reat kunsmat.'

Fil-każ odjern il-Qorti qed tikkonsidra dawn il-fatturi:

(a) Li nstabu erba' pjanti fi stat tajjeb u waħda minnhom ta' qies ta' 35 centimetru.

(b) Li dawn kienu fi stat tajjeb meta marru l-Pulizija.

(ċ) Li l-imputat ammetta ma' żewġ xhieda li kienu tiegħu.

(d) L-artikolu 8(ċ) ma jirrikjedix li wieħed ikun tas-sengħa fit-tkabbir tal-cannabis. Lanqas m'hi neċessarja xi tisqija regolari jew xi pjanifikazzjoni tat-terren. Huwa biżżejjed li wieħed jitfa' żerriegħa **waħda** kif qalet il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri ukoll jekk fil-wiċċ tal-ħamrija ma jkun jidher xejn.

(e) Il-Qrati dejjem interpretaw dan is-subinċiż b'mod rigoruż u qatt ma qagħdu jagħmlu xi differenzi fejn il-liġi ma tiddistingwix. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tilqa's-sottomissjonijiet tad-difiża dwar x'inhi koltivazzjoni. Ir-reat **kien diġa' kkonsmat malli ntefgħet iż-żerriegħa.**

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni, dik ta' pussess, hija ppruvata mill-ammissjoni tal-imputat u minn dak li xehdu l-membri tal-forzi armati.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-arftikoli 8(ċ), 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u qed tikkundannah għal sitt xhur

priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €467 liema multa tista' titħallas bir-rata ta' 80 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir f'mhux aktar minn erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx il-bilanċ jitħallas kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel fi priġunerija skond il-Liġi.

Ai termini tal-artikolu 533 il-Qorti mhix qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura matul l-inkjesta għax din saret qabel is-16 ta' Jananr 2006. Iżda qed tikkundannah iħallas l-ispejjeż tal-espert Perit Arkitett għax inħatar matul il-mori tal-proċess u dawn jammontaw għal (Lm51.56 ) €120.65.
Dawn għandhom jitħallsu fi żmien xahar mil-lum.

Il-proċess dam iżda l-imputat ikkontribwixxa għal dan d-dewmien tiegħu għax assenta ruħu mill-udjenzi tal-Qorti.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------